DIPARTIMENT GĦALL-ISTRATEĠIJA EDUKATTIVA
U ĦARSIEN TAL-KWALITÀ

EDUCATION STRATEGY AND QUALITY ASSURANCE
DEPARTMENT

**Direttorat għall-Kwalità u l-iStandards fl-Edukazzjoni**

**Email: dqse@gov.mt** **Tel: 2598 1414**

# Informazzjoni għall-Ġenituri/Kustodji fuq l-Evalwazzjoni Esterna tal-Iskola

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Fil-ġimgħat li ġejjin, Uffiċjali Edukattivi fi ħdan id-Direttorat għall-Kwalità u l-iStandards fl-Edukazzjoni, se jżuru l-iskola biex jaraw l-andament tagħha. Din tissejjaħ Evalwazzjoni Esterna. L-informazzjoni li ġejja toffri gwida fuq il-proċess tal-Evalwazzjoni Esterna tal-iskola.

## A. X'inhu l-għan tal-Evalwazzjoni Esterna?

- Biex tevalwa l-kwalità tat-tagħlim u t-tmexxija tal-iskola;
- Biex tagħraf il-prattiċi tajbin li jsiru fl-iskola.
- Biex tipromwovi titjib fl-iskola;

## B. X'jiġri matul l-Evalwazzjoni Esterna?

B'mod ġenerali

L-Uffiċjali Edukattivi jevalwaw kemm:

- l-istudenti qed ikunu megħjuna biex jiżviluppaw fil-qasam edukattiv b'mod sħiħ;
- l-iskola għandha l-ħila tirrifletti fuq ir-riżultati miksuba u ttejjeb il-prattiċi tagħha;

Fil-klassijiet l-Uffiċjali Edukattivi:

- josservaw it-tagħlim
- josservaw lill-istudenti waqt it-tagħlim u l-ħidma tagħhom;
- jkellmu lill-istudenti dwar dak li qed jitgħallmu.

Barra mill-klassijiet l-Uffiċjali Edukattivi jistgħu jitkellmu wkoll ma' gruppi ta' studenti, membri tal-istaff, ġenituri u adulti oħra li għandhom xi rwol fl-iskola dwar:

- x'jogħġobhom fl-iskola;
- kif jixtiequ li l-iskola titjieb;
- kif qed jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti;
- ir-relazzjoni bejn il-membri tal-istaff u l-istudenti;
- ir-rabta bejn l-iskola, il-ġenituri u l-komunità.

**C. X’jiġri wara l-Evalwazzjoni Esterna?**

Il-Kap tal-Iskola j/tirċievi rapport li juri fejn l-iskola miexja sew u fejn hemm bżonn li jsir aktar titjib. Hu/Hi mbagħad j/tinforma lilkom b’dan permezz ta’ komunikazzjoni bil-miktub li tkun approvata mid-Direttorat għall-Kwalità u l-iStandards fl-Edukazzjoni.

**D. Bħala ġenitur/kustodju, kif nista’ nkun involut fl-Evalwazzjoni Esterna?**

Il-ġenituri/kustodji jistgħu jikkontribwixxu fis-suċċess ta’ dan l-eżerċizzju billi jimlew il-kwestjonarju li jintbagħat qabel ma ssir l-Evalwazzjoni Esterna. Matul iż-żmien tal-Evalwazzjoni, tkun tista’ tagħmel appuntament biex taqsam il-fehma tiegħek fuq l-iskola ma’ xi Uffiċjali Edukattivi.

Denise Gatt

Direttur Kwalità u l-iStandards fl-Edukazzjoni